KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 56**

**L-Erbgħa, 19 t'Ottubru, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier |
| Is-Sur | Joe Baldacchino | Kunsillier |
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Hadd

**UFFICJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

## 56.01 Qari tal-ittri t'Apoloġiji

**56.01.01** Il-Kunsillier Carlo Stivala bagħat e-*mail* sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba impenji ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**56.01.02** Il-Kunsillier Joe Baldacchino bagħat sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**56.01.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud bagħtet sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 56.02 Approvazjoni tal-minuti (Seduta 54 u tal-Laqgħa Annwali Seduta 55)

**56.02.01** [Seduta 54] - Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet fuq il-minuti tas-Seduta 54.

Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil u ssekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, l-minuti tas-Seduta 54 ġew approvati unnanimament.

**56.02.02** [Laqgħa Annwali Seduta 55] - Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet fuq il-minuti tal-Laqgħa Annwali Seduta 55. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrimarka li peress li żmien kien ristrett, u ma kienx hemm data vojta sabiex isir laqgħa b'urġenza sabiex jiġi approvat ir-Rapport Amminstrattiv. Għalhekk ġiet iċċirkolata *email* lill-Kunsilliera kollha għall-approvazzjoni tar-Rapport qabel il-Laqgħa Annwali. Dan ir-Rapport ġie approvat mill-Kunsilliera qabel Laqgħa Annwali. Però hu qed jerġa jressaq dan ir-rapport annwali sabiex ikun miktub fil-minuti li ġie approvat.

Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Farrugia, l-minuti tal-Laqgħa Annwali Seduta 55 ġew approvati unnanimament.

## 56.03 *Arising* mill-minuti (Seduta 54)

**56.03.01** Ma kien hemm l-ebda *arising* mill-minuti.

## 56.04 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

**56.04.01** *Vehicle Leasing* għas-*Silver Tea Service* - Kien hemm talba għal 14-il kwotazzjoni, u rrispondew lura 6. Mis-sitta li rrispondew ġiet magħżula l-kwotazzjoni (N) għall-prezz ta' €531 kull xahar. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jkun aħjar jekk isir meeting mad-Dipartiment tal-Anzjanità Attivà u naraw l-iskema xi tkopri, bħal eż: ċitazzjonijiet, polza tal-assigurazzjoni, liċenzja, multi, kommunikazzjoni, il-*branding* tal-Kunsill etċ.

**56.04.02** *Wheel Chair Accessible Swings* - Kien hemm talba għal 9 kwotazzjonijiet, u rrispondew lura 4. Dawn il-kwotazzjonijiet ġew temporanjament miżmuma minħabba li issa ħarġet l-iskema dwar l-*Smart Playing Fields*.

**56.04.03** *Risk Assessment* għall-Binja tal-Kunsill - Kien hemm talba għal 5 kwotazzjonijiet, u rrispondew lura 2. Mit-2 li rrispondew ġiet magħzula l-kwotazzjoni (B) għall-prezz ta' €324.50.

**56.04.04** *Wireless GPRS Intruder Alarm System* - Kien hemm talba għal 4 kwotazzjonijiet, u rrispondew lura 2. Mit-2 li rrispondew ġiet magħzula l-kwotazzjoni (D) għall-prezz ta' €1,644.92.

**56.04.05** *Computer Monitor 24 inch* - Kien hemm talba għal 5 kwotazzjonijiet, u rrispondew lura 4. Mill-4 li rrispondew ġiet magħzula l-kwotazzjoni (E) għall-prezz ta' €150.

**56.04.06** *Computer Tower I7* - Kien hemm talba għal 3 kwotazzjonijiet, u li rrispondew kollha. Mit-3 li rrispondew ġiet magħzula l-kwotazzjoni (B) għall-prezz ta' €799.

**56.04.07** *Benches without back rest* - Kien hemm talba għal 8 kwotazzjonijiet, u li rrispondew lura 4. Dawn il-kwotazzjonijiet ġew temporanjament miżmuma.

**56.04.08** *Bażi tal-konkos għall-fanali* – Kien hemm reviżjoni tal-prezz tal-kuntrattur tad-dawl għal dawn il-bażi fejn minn €507.40, il-prezz tnaqqas għal €425.00.

## 56.05 Skeda tal-Pagamenti u *petty cash*

*Skeda tal-Pagamenti:*

**56.05.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma l-infestazzjoni tal-hornets li laqtet lill-Malta kollha nkluż il-lokalità tagħna. Kellna nieħdu deċizzjonijiet ta' malajr speċjalment fejn jidħol il-bejtiet viċin u ġewwa l-iskola. Hu semma diversi postijiet fejn saru l- fumigazzjoni ta' dawn il-hornets u propona tip nasses li fihom jinqabdu dawn il-hornets. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ġibed l-attenzjoni li f'dawn in-nasses qed jinqablu wkoll n-naħħal flimkien mal-hornets u li dawn jagħmlu ħafna ġid lill-bniedem u kif ukoll lilll-ambjent. Is-Sindku Scott Camilleri sostna li għandhom ikomplu għaddejin bil-proċess tas-*supplier* tal-hornets.

**56.05.02** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li fl-iskeda ta' pagamenti ma kienx qed jara l-ħlas dovut lill-kumpanija Dimbros ghax-xoghol tar-rampa ta' Pretty Bay.. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien ser jivverifika mal-l-persuna nkarigata mill-accounts u tiġi ċċirkulata *e-mail* mal-Kunsilliera għal verifikazzjoni.

*Petty Cash:*

**56.05.03** Is-Sindku Scott Camilleri ġibed għall-attenzjoni li nbidel il-ħaddiem li kien imur jagħmel it-*top-up*.

**56.05.04** Is-Sindku Scott Camilleri ppreżenta r-rendikont żgħir dwar x'intefaq f'Jum Birżebbuġa u l-inawgurazzjoni tal-Kappella tas-Sagra Familja.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Johann Borg u ssekondat mill-Kunsillier Joseph Farrugia, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unnanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-*petty cash.*

## 56.06 Kommunikazzjoni tas-Sindku

**56.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri ta' spjegazzjoni dwar x'qed isir mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa dwar il-problema kawżata mill-impjant il-ġdid tal-ipproċessar tal-fdalijiet tal-ħut f'Ħal Far. Spjega kif ma' l-ewwel rapporti li bdew jaslu għand il-Kunsill immedjatament bdew jittieħdu l-passi sabiex tinġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa. Sadattant bdew il-kuntatti mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). It-Tnejn, 10 t'Ottubru l-Kunsill ħareġ stqarrija li fiha esprima d-dispjaċir tiegħu dwar l-inkonvenjenzi li beda jikkawża dan l-impjant. Il-Kunsill saħaq mal-awtoritajiet konċernati li din is-sitwazzjoni hija waħda inaċċettabbli u tirrifletti nuqqas ta' rispett kbir lejn il-komunità ta' Birżebbuġa. L-għada tal-istqarrija, it-Tlieta 11 ta' Ottubru, il-Kunsill ġie infurmat mid-Direttur tal-ERA, li matul l-aħħar jiem l-ERA investigat, u għadha qed tinvestiga ilmenti kemm minn residenti, kemm postijiet tax-xogħol f'Birżebbuġa jew viċin, kif ukoll mill-Kunsill Lokali. L-ERA qalet li dan l-impjant għadu fil-fażi ta' *commissioning*. L-ERA qed tinsisti mal-operaturi tal-impjant biex il-*commissioning* tiegħu titħaffef kemm jista' jkun. Filfatt, ix-xogħol għaddej u huma infurmati li għandu jintemm sal-aħħar tal-ġimgħa. Id-Direttur informa lill-Kunsill li uffiċjali tal-ERA qed ikunu preżenti f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, inkluż matul il-lejl, kemm fiż-żona industrijali kif ukoll dawk residenzjali u max-xtut tal-viċinanza. Dan bil-għan li jkunu segwiti mill-qrib l-ilmenti kif ukoll biex jimmoniterjaw attivitajiet kemm fl-impjant kif ukoll fuq mollijiet viċin ta' Birżebbuġa, fosthom dawk viċin il-Port Hieles. Id-Direttur tenniet li l-operaturi qegħdin jiffinalizzaw il-commissioning mill-aktar fis biex is-sistemi kollha, inkluż dawk ta' mitigazzjoni, ikunu kkalibrati u joperaw bl-aħjar mod u bl-inqas impatti possibbli fuq l-inħawi madwar. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni l-Kunsill sejjaħ laqgħa urġenti b'mod virtwali għal nhar il-Ħamis, 13 t' Ottubru, 2022 fis-18:30h. Għal din il-laqgħa, min-naħa tal-Kunsill, attendew is-Sindku Scott Camilleri, il-Viċi-Sindku Josette Busuttil u l-Kunsilliera Joseph Farrugia, Alex Caruana, Maria Mifsud u Johann Borg. Attendew ukoll id-Direttur tal-ERA Aimee Brincat u l-Kap Eżekuttiv ta' AQUACULTURE RESOURCES LTD Dr Charlon Gouder. Waqt din il-laqgħa l-Kunsill kompla jisħaq fuq l-inkonvenjenzi li qegħdin jesperjenzaw ir-residenti ta' Birżebbuġa. Ġie suġġerit ukoll li sakemm jitlesta l-proċess tal-commissioning jibqa' jkun hemm laqgħat ta' aġġornament dwar is-sitwazzjoni kull ġimgħa. Id-Direttur tal-ERA tenniet li l-ERA qed issegwi mill-qrib il-fażi tal-*commissioning*. Fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku Scott Camilleri ppropona li għandu jkun konsultat l-Avukat tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie infurmat mill-Avukat li dan se jikkawżalu konflitt ta' interess peress li wieħed mis-sidien ta' AQUACULTURE RESOURCES LTD huwa klijent tiegħu. Il-Kunsill fl-ebda ħin ma ddiskutix dan il-każ mal-Avukat.

Is-Sindku Scott Camilleri ppropona li jkun avviċinat il-Perit Cacopardo sabiex jgħin fil-proċess li jkun ingaġġat Avukat Ambjentali sabiex ikun jista' jassisti lill-Kunsill f'materji relatati mal-ambjent. Il-membri kollha tal-Kunsill Lokali qablu ma din il-proposta unanimament. Il-Kunsill issuġġerixxa li ssir spezzjoni fl-impjant minn rappreżentanti tal-Kunsill, esperti, rappreżentanti tal-kumpanija u rappreżentanti tal-ERA.

**56.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem rigward l-attività Milied fil-Pjazza, fejn qal li hu u il-Vici Sindku Josette Busuttil iltaqgħu mal-Kumitat tal-Parroċċa biex jiġu diskussi il-pjanijiet proposti għal din is-sena u il-Kunsill, bħala wieħed mill-akbar kollaboraturi, ser jingħata fondi ta' ftit inqas minn €30,000 fejn inkun jista' jgħin lil-għaqdiet volontarji tal-lokal li ser jipparteċipaw f'din l-attività. Hu żied jgħid li ser isir studju ta' kif l-aħjar li jitqasmu l-ispejjeż, jiġi diskuss mal-Kunsilliera u l-pjan hu li sal-gimgħa d-dieħla ikun kollox lest biex jinbeda l-proċess mill-għaqdiet.

**56.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar is-sitwazzjoni tal-berġa, fejn informa li din il-ġimgħa kien hemm laqgħa bejnu, l-Kunsillier Joseph Farrugia u membri mill-*Primary Health Care* fejn iltaqgħu fuq il-propjetà li tinstab għall-kiri. Hu zied jgħid li dan il-post intgħoġob, u li jinsab fiċ-ċentru tal-lokal. Dwar il-kera hi xi ftit għolja u talab lil-*Primary Health Care*, kif ser jipproċedu rigward it-tender, u ssuġġerixxa li jsir tip ta' ftehim ma' sid il-propjeta' biex jinkera mill-*Primary Health Care* jew il-Kunsill, sa kemm isir il-proċess tat-tender. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu ma' dan.

**56.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku, fejn talab lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex tinħareġ l-*approval letter*, u li kelmu lil-Ministru Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi fejn infurmaħ li l-proċess miexi ġmielu. Kif ikun hemm l-approvazzjoni, imbagħad tkun tista tiġi preżentata l-ittra lil-*Lands Department* fejn tintalab id-devolozzjoni tal-art.

**56.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri qal li għanda tiġi skedata laqgħa bejn il-Ministeru tal-Onor. Dr.Owen Bonniċi u l-Kunsilli Lokali, peress li taħtu taqa' il-*Malta Public Library*, fejn għandhom jiġu diskussi l-*ispecifications* relatati mal-Librerija Publika.

**56.06.06** Is-Sindku Scott Camilleri avża li l-għada ser issir laqgħa mal-*Cleansing*, li qedin jirrinovaw il-latrini ta' Wied il-Buni. Il-Vici Sindku Josette Busuttil staqsiet jekk sa kemm isiru x-xogħlijiet, hux ser jitpoġġew xi mobile toilets, u s-Sindku Scott Camilleri wieġeb li sa kemm titlesta l-latrina tal-irġiel, qed tintuża il-latrina tan-nisa mil-irġiel ukoll u li qed jistenna il-pjan ta' kif tiġi tidher meta titlesta. Il-pjan hu, li l-proġett jitlesta fi żmien 3 jew 4 xhur oħra.

**56.06.07** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-proġett pilota marbut mal-indafa tat-toroq mill-*Cleansing*, fejn semma li miexi tajjeb ħafna u li l-ilmenti naqsu ħafna.

**56.06.08** Is-Sindku Scott Camilleri avża l-Kunsill ġie avviċinat minn Pingtan fiċ-Ċina li fil-passat kien hemm relazzjoni bejn it-*Twin Cities*, fejn intalab jekk il-Kunsill hux lest li jkompli b'din ir-relazzjoni ta' Ġemellaġġ wara li issa għadda l-perjodu tal-pandemija. Il-Kunsilliera kollha preżenti kollha ma qablux ma' dan.

## 56.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**56.07.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni u/jew rakkomandazzjonijiet.

## 56.08 Korrispondenza

**56.08.01** L-Agent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar l-ittra li l-Kunsill rċieva mingħand Infrastrucure Malta fir-rigward l-allokazzjoni ta' 9,000 metri kwadri ta' toroq li ser jiġu re-asfaltati u bankini fil-konfina tal-lokalità minn Infrastructure Malta. Dawn it-toroq ser isiru bejn l-2023 u l-2025. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana qalu li l-lokalità ta' Birżebbuġa qed tiġi trattata daqs lokalitajiet oħra li jgħaddu ferm inqas vetturi minnhom. Is-Sindku Scott Camilleri talab lil-Kunsillier Alex Caruana biex jipprepara lista ta' toroq li hemm bżonn li jsiru u jagħti prijoritajiet tiegħu.

*Bħalissa is-19:05h, il-Kunsillier Doriana Portelli talbet sabiex tiġi skużata mil-laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol.*

**56.08.02** L-Agent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat avża li l-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-30 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Dawn jixtiequ li jsir proġett biex jibqa mfakkar dan l-anniversarju. Qed jitobu lill-Kunsilli kollha qed sabiex iressqu l-ideat tagħhom dwar xi ħaġa li hi sinonima mal-lokalità tagħna. Il-Kunsillier Alex Caruana u il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġerew li nibgħatu postijiet storiċi. Eżempju bħal Għar Dalam u Borġ in-Nadur.

**56.08.03** L-Agent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsillier Johann Borg bagħat korrispondenza dwar *Mental Health First Aid course* mir-*Richmond Foundation*. Il-Kunsillier Johann Borg ta' spjegazzjoni rigward dan it-taħriġ, fejn jekk ikun hemm iżjed minn 15 il-persuna li japplikaw għalih, ikun hemm ħlas addizzjonali ta' €120. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġerixxa li l-ewwel għandu jiġi offrut dan it-taħriġ hu lill-istaff tal-Kunsill u mbagħad jiġi offrut lir-residenti u l-għaqdiet volontarji fejn it-taħriġ għandu jitħallas minn min hu nterresat u hekk kif jlestu il-kors kollu, il-Kunsill jirrifondi lura ammont mill-ħlas tal-kors. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu ma' dan. Il-Kunsillier Johann Borg qal ukoll li b'dan il-kors, il-persuna tkun taf kif tipproteġi ruħek, lil ħaddieħor u wkoll lil-persuna li tkun għaddeja minn dan il-perjodu kritiku u li tista tkun aggressiva. Hu żied jgħid li St.John's Ambulance joffru *First Aid Courses* fejn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat issuġġerixxa li dan għandu jsir għall-ħaddiema kollha tal-Kunsill.

**56.08.04** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li daħlet korrispondenza mingħand l-Għaqda Storja u Kultura rigward il-Batterija Gżira, fejn xtaqu jkunu jagħfu x'inhi s-sitwazzjoni preżent fir-rigward tal-batterija li tinsab fi stat ħazin ħafna. Huma staqsew jekk issa li min kien jieħu ħsieb din il-batterija storika ħalla miet, tistax tibda tagħmel parti mill-patrimonju Malti u tiġi rrinovata u tintuza mil-għaqdiet tal-lokal inkuż il-Kunsill. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li għanda *tintbagħt e-mail* lis-CEO tal-*Lands Authority* ħalli jkun jista jiċċekjalna aħjar fuq dan il-post.

## 56.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**56.09.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li fis-6 t'Ottubru ħarġet Direttiva numru 1/2022 mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jibda l-proċess ħalli l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa flimkien mal-Kunsilli Lokali oħra li jinsabu mingħajr Segretarju Eżekuttiv ikollok Segretarju Eżekuttiv *full-time*. Hu żied jgħid li llum stess wara nofsinhar, attenda

għal-laqgħa fejn fiha ġie spjegat il-proċess tal-ingaġġ. Kien hemm preżenti s-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali Onor. Alison Zerafa Civelli, is-Segretarju Permanenti Joyce Dimech, id-Direttur Ġenerali Natalino Attard. Nhar il-Ġimgħa 21 t'Ottubru se jidher l-avviż fuq il-Gazetta tal-Gvern mid-DLG. L-applikanti magħżula ser ikollom *induction setion* biex ikollom idea tal-irwol tax-xogħol li ser japplikaw għalih. L-ewwel *interview* ser isir min-naħa tad-diviżjoni, u wara li jkun għadda minn dan il-proċess, id-deċiżjoni finali tkun dik tal-Kunsill. Is-Sindku Scott Camilleri staqsa rigward l-eġibilità li jkun hemm sabiex persuna tkun tista' tapplika. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li hemm diversi rekwiżiti u li dawn se jkunu ppublikati wkoll. Aktar informazzjoni ser tingħata mid-Diviżjoni fil-ġranet li ġejjin.

**56.09.02** L-Agent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat aġġorna lill-Kunsilliera preżenti li l-erba' tenders ħarġu għadhom miftuħa u se jagħlqu nhar it-Tnejn 24 t'Ottubru 2022 f'12:00h.

## 56.10 Ħatra ta' Bord tal-għażla għall-vakanza t'Uffiċjal Eżekuttiv *full-time*

**56.10.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ta' aġġornament dwar il-ħatra t'Ufficjal Eżekuttiv *full time* fi Skala 13. Dan l-impjegat se jkun qed jieħu post wieħed mill-istaff preżenti li ser ikun qed jirtira fix-xhur li ġejjin.

Dwar is-sejħa l-oħra interna li kellna, sfortunatament ġejna infurmati li l-persuna li applikat, mhux eleġibli. Wara li ħarġet għall-Kunsilli kollha ta' Malta u Għawdex issa qed nistennew lil JobsPlus. Hu qed jissuġerixxi li jinħatar bord tal-għażla għal *interviews*. Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-bord tal-għażla jkun jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Scott Camilleri |
| L-Aġent Segretarju Eżekuttiv | Jordy Brincat |
| Il-Vici Sindku | Josette Busuttil |
| Il-Kunsilliera | Maria Mifsud |
| Il-Kunsillier | Johann Borg |
| Membru | Hugh Zammit |

Is-Sindku Scott Camilleri talab lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat biex jitlob lid-Diviżjoni tibgħatilna kopja tal-*evaluation sheet* uffiċjali.

## 56.11 Qajjenza *Holistic Traffic Management System*

**56.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar is-sistema tal-imaniġjar tat-traffiku ġdida fil-Qajjenza. Mill-feedback li ġabar qal li fi Triq Mikiel Abela hemm *issue* fejn hemm ħafna sidien tad-dgħajjes li għandhom il-*garages* hemm u li qed ikollhom iduru dawra twila biex idaħħlu d-dgħajjes tagħhom. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kien ser jiċċekja l-aħjar mezz kif tista' tissolva din il-problema. Is-Sindku Scott Camilleri semma wkoll l-*issue* tas-sinjali tat-trasport pubbliku fejn qed jistennew l-approvazzjoni minn għand TM. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li kien ser jiċċekja fuqha wkoll. Il-Vici Sindku Josette Busuttil irrimarkat li l-*coaches* tal-iskola ma jistawx jidħlu biex jgħabbu t-tfal tal-iskola minn Triq il-Mandolina u ssuġġeriet li għanda ssir eċċezzjoni għal dawn il-*coaches* biex

ikunu jistaw jgħaddu minn hemm. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għanda ssir *follow up* ma' Transport Malta fuq din ukoll.

## 56.12 Draft Leasing Agreement Malta Freeport Corporation (MFC) Multi-Storey Car Park

**56.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar id-*Draft Leasing Agreement* marbut mal-*multi-story car park.* Wara diskussjoni libera, l-Kunsill qabel li ssir laqgħa mat-tmexxija tal-*Malta Freeport Corporation.* F'din il-laqgħa nistiednu lill-Avukat tal-Kunsill Lokali ħalli flimkien naraw diversi punti u l-propost ta' dan il-ftehim. Is-Sindku talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jagħmel talba għal dan il-*meeting* mal-*Malta Freeport Corporation*.

## 56.13 *Measure* 4.3 – Triq il-Brolli

**56.13.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qajjem il-punt dwar Measure 4.3 li l-Kunsill Lokali kien applika għaliha għall-Triq il-Brolli. Qal li nhar il-5 t'Ottubru 2022, il-Kunsill Lokali irċieva ittra reġistrata mill-*Agriculture and Rural Payments Agency*. Is-Sindku Scott Camilleri spjega kif il-*part payment* ta' din l-iskeda ġiet miċħuda minħabba li kien hemm problemi fid-dokumentazzjonijiet. Hu żied jgħid li Segretarju Eżekuttiv preċedenti Rosalie Mintoff, għamlet l-almu kollhu tagħha biex tinġabar l-informazzjoni kollha tal-passat wara ż-żewġ Segretarji Eżekuttivi ta' qabila. Sfortunatament l-ARPA ma aċċettatx it-talba minħabba nuqqas ta' ġustifikazzjoni. Minħabba f'hekk, il-Kunsill se jkollu jrodd lura €61,602.08 fi żmien 30 ġurnata mid-data tal-ittra. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa kif kienu ġew dawn il-flus u s-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dawn kienu *part payment*. Hu sostna li importanti li minn din nitgħallmu li qabel ma' napplikaw għal xi fondi rridu nkunu nafu l-iskop għaxiex se napplikaw, nafu xi rridu nieħdu, ikun hemm pjan, kif ukoll il-proċedura tas-*procurement, invoices,* etċ. F'kelma waħda inkunu preparati u mhux napplikaw biex ngħidu applikajna. Hu żied jgħid li importanti li noqogħdu attenti ħafna biex inkunu f'pożizzjoni finanzjarja tajba biex inkomplu nimmiljoraw il-lokalità tagħna u ma' nħallux problemi lil ta' warajna. Il-Kunsilliera preżenti ilkoll qablu li dawn il-fondi għandhom jiġi rritoranti lura.

## 56.14 *Quarterly Report* (Lulju – Settembru 2022)

**56.14.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab lill-*accountant* tal-Kunsill Doreen Mintoff li ġiet ikkuntatjata sabiex tagħti spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' bejn l-1 ta' Jannar u l-aħħar ta' Settembru fejn qalet li:

**<u>Dħul:</u>**

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni mingħand il-Gvern Ċentrali | €715,892 |
| Dħul mill-Permessi (Bye-Laws) | €26,937 |
| Dħul mill-LESA | €3,295 |
| Dħul ieħor | €25 |
| **Dħul Totali:** | **€746,149** |

**Infiq:**

| | |
|---|---|
| Onorarji u Salarji | €173,396 |
| Operat u Manutenzjoni | €383,387 |
| Spejjes Amminstrativi | €40,795 |

**Kapital:**

| | |
|---|---|
| Spejjeż tal-Kapital: | €90,364 |
| | |
| Matul dan it-terminu l-Kunsill rċieva *grant* ta' | €17,500 |

**<u>Il-Kunsill Lokali għalaq b'FSI ta' 117%</u>**

**56.14.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm numru ta' skemi li l-Kunsill ingħata *pre payment* u li qatt ma' seħħew u li l-Kunsill irid li jirrifondi l-fondi lura.

Dawn huma: Measure 4 – Ġnien il-Kunsill Lokali,
Measure 4.3 – Triq il-Brolli,
Ftehim ta' Proġett Kapitali 2017: Is-sistema tad-Dawl ta' Pretty Bay.

**56.14.03** Il-*Quarterly Report* Lulju u Settembru 2022 ġie approvat mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 56.15 Traffiku, Parkeġġ, utilitajiet u Servizzi

**56.15.01** Is-Sindku Scott Camilleri hawn tkellem dwar ftit punti f'isem il-Kunsilliera Maria Mifsud minħabba, li kienet skużata mis-seduta tal-llum.

1. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qed titlob sabiex nistaqsu lill-Infrastructure Malta hux possibbli li jsiru l-konok fil-bankina ta' Triq il-Port Hieles, ġaladarba issa qed isir it-triq. Il-Kunsill hux f'posizzjoni li jħallas id-differenza mill-*environment funds*. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li jekk it-triq hi wiesa biżżejjed, tista titwessa l-bankina u jsiru l-konok. Is-Sindku Scott Camilleri se jitlob talba uffiċjali.

2. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qed titlob sabiex niġbru kwotazzjonijiet mingħand *designers* sabiex nagħtu *uplift* lir-*roundabout* u c-*central strip* ta' Triq Żaren Dalli. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li din il-propasta diġa ħadem hu fuqa u li kellem lil-Perit tal-Kunsill dwara.

**56.15.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkelmet dwar il-*yellow lines* fi Sqaq ta' Salvun fejn hemm persuna oħra li għanda l-għelieqi aktar l-isfel u li qed issib problema minħabba dawn il-linji sofor. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kellha ssir korrespondenza ma' Transport Malta biex jiddeċiedu huma fuq din il-materja.

**56.15.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li ġiet avviċinata minn sajjieda li hemm parti minn Dawret il-Qalb Imqaddsa li ma hemmx *cameras* installati fuq il-bagi tad-dgħajjes. Il-Kunsillier Alex Caruana ikkonferma li hemm m'hemmx *cameras* f'dik l-*area* u s-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li l-aħjar li ikellmu lil-Għaqda tas-Sajjieda dwara.

**56.15.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmet fuq ir-*rain water culverts* tal-Qajjenza fejn qed joqgħod ħafna ilma u li hi kienet diġa bagħtet *e-mail* dwara. Il-Kunsillier Alex Caruana irrisponda li ser jieħu ħsieba hu.

**56.15.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil kellha talba mingħand persuna bi bżonnijiet speċjali li toqgħod fi Triq Salvatore Cachia Zammit, fejn din il-persuna talbet biex il-*personalised parking bay* titressaq aktar viċin ir-residenza tagħha. Is-Sindku Scott Camilleri flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana qallu biex tibgħat *e-mail* bid-dettalji ħalli jibagħtuha lil persuna nkarigata fi ħdan Transport Malta sabiex isir *transfer* tal-*parking bay.*

**56.15.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkelmet fuq il-ħofra li tħafret għall-binja ta' Triq Bourlemaque u ssuġeriet li Triq Herakles tingħalaq minħabba li issa saret perikoloża. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li bħal ma' Transport Malta sabet soluzzjoni għal-privat, issa għanda tara hi kif ser issib soluzzjoni għal immaniġjar tat-traffiku f'din il-parti.

**56.15.07** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li kellha telefonata mingħand gwardjan lokali li dan talaba ID card u d-dettalji tas-sid li kellhu skip li kienet f'post ħażin ħażin. L-amminstrazzjoni tal-Kunsill Lokali minħabba d-*data protection*, ma' provdewx dawn id-dettalji fuq it-telefon. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-Għassa tal-Pulizija jkunu infurmati bil-permessi kollha li jinħarġu. Il-Kunsillier Alex Caruana qallha wkoll li jekk persuna ċċempel l-Għassa tal-Pulizija, dawn għandhom jieħdu ħsieb huma.

**56.15.08** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmet dwar Triq John Grech fejn hemm infestazzjoni ta' ġrieden. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser jintbagħat il-foreman biex jagħmel kaxxa tal-ġrieden.

**56.15.09** Il-Kunsillier Alex Caruana kellu talba biex issiru *street humps* fi Triq Ħas Saptan. Is-Sindku Scott Camilleri talab biex jintbagħat il-foreman biex jieħu l-qisien u jinxtraw skond il-ħtieġa.

**56.15.10** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li s-siġar tal-*housing estate* għandhom bżonn żabra. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li hu kellem lil-kuntrattur u ser jibgħat stima tax-xogħlijiet.

**56.15.11** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar ir-rampa li tagħti għall-*Block D* fil-*housing estate*, fejn waqt li kienu qed isiru il-preparamenti sabiex isir ir-rampa ċempel resident biex fin-nofs tar-rampa jsir taraġ. Hu tkellem mas-Sindku u l-Perit tal-PWD u ssuġerixxa li titieħed biċċa żgħira mil-ħamrija ta' maġemb u r-rampa titwessa u ħalli vettura tibqa tiela sa ħdejn il-bieb. Hu issuġerixxa li jsir *double yellow line* fin naħa ta' isfel. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat issuġġerixxa li min juża r-rampa ma jistax iħalli l-karozza hemm u għandhom jitwaħħlu tabelli ta' *un/loading only*. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-ewwel għandhom ikellmu lil-Housing Authority u wara il-PWD. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**56.15.12** Il-Kunsillier Alex Caruana informa li dwar it-*traffic diversion* ta' Triq San Ġwann għadu m'għamel xejn minħabba li kien imħabbat f'dawn l-aħħar ġimgħat.

**56.15.13** Il-Kunsillier Johann Borg staqsa dwar is-sitwazzjoni mal-Perit li qed jieħu ħsieb id-*diversions* li ser ikun hemm bżonn minħabba Triq il-Port Ħieles. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li pprova jaqbad il-Perit kemm il-darba imma ma tirrispondix imma ha jibqa jipprova sakemm jaqbadha

**56.15.14** Il-Vici Sindku Josette Busuttil tkelmet dwar ħanut li hemm il-Qajjenza li quddiemu qed jipparkjaw ħafna muturi fuq il-bankina tant li persuna bi bżonnijiet speċjali jew mara b'tarbija ma tkunx jista tgħaddi. Il-Kunsillieri wieġbu li dan hu nuqqas t'infurzar mill-Pulizija. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat issuġġerew li għanda issir tabella biex ħadd ma jimblokka l-bankina.

**56.15.15** Il-Kunsillier Johann Borg avża li t-tabelli tad-*diversion road signs* sabiex tal-linja ma telgħax persuni minn Triq l-Imnarja imma minn Triq ir-Rizza tneħħew. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kien ser jiċċeka u jkelmu lura.

**56.15.16** Il-Kunsillier Johann Borg tkellem dwar il-*parking* ta' fejn hemm ir-*restaurant* ta' ħdejn il-pitch tal-*waterpolo* f'Dawret il-Qalb Imqaddsa, fejn ir residenti tal-madwar qed isibu problema ta' parkeġġ, u hu ssuġġerixxa li jsiru tabelli ta' parkeġġ bil-ħin. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana qalu li diġa saret talba imma ma' din ma nlaqatx.

**56.15.17** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-*meter tad-dawl* tal-*promenad*e, li hu ma jafx fejn qiegħed dan il-meter, u li qed nirċievu l-kontijiet u ma jitħalsux. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li kien ser jiċċekkja hu fuqu.

**56.15.18** Il-Kunsillier Alex Caruana avża li hemm talbiet għall-żewġ bozoz ġodda fi Triq Żaren Dalli. Is-Sindku Scott Camilleri staqsieħ jekk hux possibli li maż-żmiem fi Triq Zaren Dalli u Triq Birżebbuġa l-wires jgħaddu minn taħt il-bankina u l-Kunsillier Alex Caruana wieġbu li biex isiru trid tħaffer u hu tal-opinjoni li ssir jekk jitwaħlu l-fanali dekorattivi.

**56.15.19** Il-Kunsillier Johann Borg informa li hu baqa' jżomm kuntatt fuq is-sitwazzjoni tat-trasport publiku u dwar il-*bus shelters*, u waslu fis-sitwazzjoni fejn għandhom jifthemu kif ser jitqasam ix-xogħol. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u s-Sindku Scott Camilleri qallu li l-ewwel jirranġaw dawk diġa huma preżenti qabel ma' jitwaħħu oħrajn ġodda.

**56.15.20** Il-Kunsillier Johann Borg talab l-għajnuna tas-Sindku rigward is-sevizz tal-linja 210. Ħafna drabi qeda tieqaf fejn il-Freeport u ma tidħolx f'Tal-Papa. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irrimarkat li t-210 il-Ħadd, għax ix-Xatt ta' Marsaxlokk ikun magħluq, ma tgħaddix mill-Qajjenza u tinzel minn Bir id-Deheb. Il-Kunsillier Johann Borg qal li ġibdilhom l-attenzjoni kemm il-darba u lanqas jirrisponu lura.

## 56.16 Proġetti u Skemi

**56.16.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil talbet lil-Kunsilliera preżenti biex issir applikazzjoni għall-*Smart Playgrounds Proposed Site/s* SPI/SCI/9/2022, fejn l-ispiża totali ser tammonta għal €84,619.60. L-iskema ser tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża li tammonta għal €71,926.66 u l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ser ikun qed jiffinanzja 15%

tal-ammont totali li jammonta għal €12,692.94. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu ma' din it-talba.

## 56.17 Saħħa, Indafa u Ambjent

**56.17.01** Il-Kunsillier Johann Borg informa li fis-7 ta' Diċembru għandu jiġi il-*mobile unit* tad-demm

**56.17.02** Is-Sindku Scott Camilleri hawn tkellem dwar ftit punti f'isem il-Kunsilliera Maria Mifsud minħabba, li kienet skużata mis-seduta tal-llum.

1. Biex jinġabru stimi jew tkun *extra* fuq it-*tender* tal-ġonna biex titnaddaf is-*soft area* ta' Triq l-Għerien. Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex jinġabru l-kwotazzjonijiet.

2. Nikkuntatjaw persuna tal-*pest control* biex idur l-*areas* kollha li hawn bil-problema tal-*hornets.* Il-Kunsilliera Mifsud diġa għanda lista ta' postijiet. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li nkelmu s-*supplier* biex issir mill-aktar fiss. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

3. Il-Kunsilliera Maria Mifsud kelmet mas-Surmast sabiex isir użu mill-bini tal-iskola għall-korsijiet tal-*fitness*. Jekk il-Kunsill jaqbel nibdew dawn il-korsijiet tal-*fitness* fit-2 ta' Novembru 2022. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**56.17.03** Il-Kunsillier Johann Borg qal li tkellem mal-istudenti tal-mediċina biex dawn jiġu fil-lokalità sabiex lir-residenti nteressati jiċċekjawlom il-pressjoni, zokkor u jagħtu informazzjoni relatata ma' problemi u kundizzjonijiet ta' saħħa, etċ.

**56.17.04** Il-Kunsillier Johann Borg qal li jinsab f'diskussjonijiet fuq is-saħħa mentali ma' grupp ta' psikjatri li xogħolhom huwa mat-tfal. Dawn il-psikjatri jiġu fl-iskola Primarja ta' Birżebbuġa ħalli jagħtu *lectures* fuq Saħħa Mentali li jirigwardja lit-tfal lill-istaff tal-iskola. Hu żied jgħid li lis-surmast tal-iskola diġa kelmu fejn qallu li hu jaqbel ma din l-inizjattivà.

## 56.18 Attivitajiet

**56.18.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkelmet dwar il-party tal-tfal tal-*Halloween*, fejn infurmat li l-konkorrenza baxxa ħafna u proponiet li tinkludi t-tfal vulnerabbli tal-iskema 9 u dawk li xtaqu jipparteċipaw ikun wkoll jistgħu jattendu mingħajr ħlas. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu ma' dan.

**56.18.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil avżat li bejn id-9 u l-10 ta' Novembru ser ikun hemm *weekend break* u wkoll ser toħodhom jaraw il-pantomina tal-Milied.

**56.18.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar lill-Viċi Sindku Josette Busuttil sabiex tibda tipprepara u tgħaddi l-materjal għall-attività 'Milied fil-Pjazza'. Dan biex ma jkunx hemm volum tax-xogħol fl-aħħar meta jkun hemm parti mil-istaff bil-*leave* tal-Milied. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa min ser ikun qed jieħu ħsieb id-dwal tal-Milied u l-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li ser jibda jieħu ħsieba hu flimkien

mas-Sindku. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar li fis-seduti preċedenti l-Kunsill qabel li jiżdiedu d-dwal tal-Milied fil-Qajjenza u Tal-Papa. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li jsir xi tiżjin żgħir fil-Pjazza ta' Triq San Filippu n-naħa tal-Freeport.

## 56.19 Kultura, Żgħażagħ u Sport

**56.19.01** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem mal-mużiċist Matthew Fenech biex flimkien Innu ta' Birżebbuġa. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Kumitat tas-Soċjetajiet Mużikali wara li jgħaddu l-festi tal-Milied, fejn il-Kunsill jipproponi l-awtur u l-għaqdiet jieħdu ħsieb il-mużika. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dan l-innu jkun propjetà tal-Kunsill Lokali u li jingħata kopja liż-żewġ Soċjetajiet Mużikali tal-lokal.

**56.19.02** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li fis-26 ta' Novembru ser ikun hemm l-attività tal-*Tough Mudder*. Hu żied jgħid li peress li fil-passat kien hemm xi inċidenti f'attivitajiet bħal dawn barra mil-lokal talab għar-rapporti ta' *Risk Assessment*, *Health and Safety*, Permessi tal-Pulizija u polza ta' Assigurazzjoni minn min qed jorganizza din l-attività.

**56.19.03** Is-Sindku Scott Camilleri avża li bħalissa għaddejin bl-applikazzjoni tal-*MOC Awards* tal-isportivi tas-sena fejn ser napplikaw li Birżebbuġa tkun l-akbar lokalità sportiva.

## 56.20 Affarijiet Oħra

**56.20.01** Xejn.

## 56.21 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**56.21.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30h wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 14 ta' Novembru, 2022, fil-17:30h.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |